MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 1289/2003

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat u r-risposta guramentata.

Rat li fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2015, l-attrici talbet lill-Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghal liema talba l-konvenut ma opponiet. Fl-istess udjenza il-partijiet iddikjaraw illi bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti l-ebda parti ma hi ser tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat kontemplat fil-ligi.

Ikkonsidrat;

Peress illi huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom f'dan l-istadju tal-kawza ma hu ser jirreka pregudizzju mhux proporzjonat lill-istess partijiet, il-Qorti qed tikkunsidra t-talba gustifikata.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi t-talba fuq imsemmija maghmula mill-partijiet flimkien waqt l-udjenza tallum billi:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'effett mill-jum li fih din is-sentenza ssir *res judicata*.

2. Tordna li din l-ordni ta' waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------